# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Mejju 2024**

**Avviż Nru: 270/2023**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Good Luck Media Limited (C86511)**

**vs**

**Rush Gaming Limited (C80159)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetá attriċi mressqa fis-6 ta' Novembru 2023[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi permezz ta' liema talbet li s-soċjetà konvenuta tħallasha l-ammont ta' erbatax il-elf, ħames mija u disgħa u sittin Ewro u sbatax il-ċenteżmu (€14,569.17ċ). Fl-Avviż ġie *ad litteram* premess u mitlub hekk:

1. *Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' EUR 14,569.17 u/jew somma verjuri (oltre' l-imghaxijiet legali kummercjali) rapprezentanti servizzi ta' 'marketing' rezi favur taghkom u accettati minnkom (rendikont anness u markat* ***Dok A****).*

[1] A fol 1 tal-proċess.

2. *Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta' attrici din is-somma ta' EUR 14,569.17 u/jew somma verjuri bl-imghaxijiet legali kummercjali sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali 166A numru 1679/2023 tal-4 ta' Lulju 2023 (kopja annessa u markata **Dok B**, liema ittra giet opponuta permezz tan-nota **Dok C**) u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qieghed jigi intavolat kontestwalment ma' din it-talba, u bl-imghaxijiet kummercjali legali skont il-ligi sal-pagament effettiv. Bl-ingunzjoni tas-socjeta` konvenuta in subizzjoni. B'rizerva ghal kwalunkwe drittijiet u pretensjonijiet ohrajn tas-socjeta' attrici kontra s-socjeta' konvenuta u kwalunkwe ammonti li jsiru dovuti*

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Novembru 2023[2].

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024[3] fejn il-Qorti sabet lin-notifika inizjalment magħmula kienet waħda invalida.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2024[4] fejn is-soċjetà konvenuta kienet issa ġiet debitament notifikata iżda ma ħejjet l-ebda risposta u lanqas dehret.

Semgħet ix-xhieda ta' John Farrugia fis-seduta tal-5 ta' April 2024[5], fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

---

[2] A fol 9 tal-proċess.
[3] A fol 16 tal-proċess.
[4] A fol 18 tal-proċess.
[5] Xhieda relattiva tibda a fol 20 tal-proċess.

Illi kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, is-soċjetà konvenuta għażlet li ma tweġibx formalment għal din l-azzjoni u lanqas tirreġistra dehra fihom.

Illi f'din l-azzjoni, s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-ammont ta' erbatax il-elf, ħames mija u disgħa u sittin Ewro u sbatax il-ċenteżmu (€14,569.17ċ). rappreżentanti servizzi reżi u mhux imħallsa[6]. Huwa aċċettat li l-oneru tal-prova dwar xi kreditu jibqa' dejjem fuq spallejn min jallega l-istess, u sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, dan tal-aħħar ma jaħtix għal dan in-nuqqas[7]. Jekk l-attur mbagħad jipprova tali kreditu, l-piż tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-kundanna tal-ħlas[8].

Illi mix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi u mill-provi dokumentarji mressqa, din il-Qorti ssib li l-azzjoni ġiet ipprovata b'mod komplet. Dan qiegħed jingħad magħdud mal-fatt lis-soċjetà konvenuta ma ġabet l-ebda ħjiel ta' prova kontrarja.

---

[6] Dokument jinsab a fol 2 tal-proċess.

[7] Fost oħrajn, jiġi senjalat dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **360 Retail Supplies Limited vs Maged Fawzy Shokry Iskandar *et,*** (Rik Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023, fejn fost affarijiet oħra ġie mfakkar hekk: *"Din il-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk sakemm lattur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju actore non probante reus absolvitur (ara Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);"*

[8] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Richard Attard *et* vs Mark Anthony Barbara,** (Rik Nru: 1116/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' April 2024. Hija wkoll ta' interess s-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio,** (Rik Nru: 691/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2022.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' erbatax il-elf, ħames mija u disgħa u sittin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€14,569.17ċ) bl-imgħax legali[9] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, tal-ittra uffiċjali bin-numru 1679/2023 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2521/23[10] jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[9] L-imgħax bit-8% għandu jiddekkorri fuq kull ammont individwali skond il-fatturi relattivi, mid-data indikata bħala "Due" fuq ir-rendikont anness bħala Dok A a fol 2 ta-proċess.
[10] A fol 25 tal-proċess.